MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta ta' l-24 ta' Settembru, 2012

Numru. 469/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Maurice Curmi)**

**Vs**

**Sarah Anne Gatt, mart Jean Pierre Gatt, bint Alfred u Mary nee` Falzon imwielda Pieta` fl1 ta' Ottubru 1980 u toqghod Entratura A, Flat 1, Triq Patri Gwann Azzopardi Binja Santa Venera, Santa Venera, detentrici tal-karta tal-identita` numru 463780M**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba fil-konfront tal-imputata li giet akkuzata talli f'Ottubru 2008, f'dawn il-Gzejjer, ikkommettiet serq ta' cekk bjank bin-numru 125 tal-bank HSBC, ghad-detriment tas-socjeta BS Trading Ltd, liema serq huwa kwalifikat bil-persuna, ai terminu ta' l-artikoli 261 u 268 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi, b'mezzi kontra il-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza dwar grajja kimerika, ghamel qliegh ta' aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad-dannu tas-socjeta Systec Finance Ltd, ai terminu ta' l-artikoli 308, 309 u 310 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi, xjentement ghamlet falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holqot pattijiet, disposizzjonijeit jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, ai terminu ta' l-artikolu 183 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Akkuzata ukoll talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi xjentement ghamlet uzu minn dokument falz, ai terminu ta' l-artikolu 184 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat in-nota tar-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali;

Semghet il-provi;

Semghet l-ammissjoni maghmulha mill-imputata liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-imputata inghatat zmien xieraq sabiex tirrikonsidra l-istess;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-ammisjoni maghmulha mill-imputata l-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputata hatja tal-akkuzi migjuba fil-konfront taghha.

Illi meta tigi biex tqis il-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni tal-imputata, il-fedina penali nadifa taghha u l-fatt illi l-imputata lest illi tirrizarcita id-danni.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 261, 268, 308, 309, 310, 183, 184 u 17(h) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputata hatja tal-akkuzi migjuba fil-konfront taghha u tikkundannah ghal sentejn prigunerija illi fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmulha u b'applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Ligijiet ta' Malta dan il-perjodu ta' prigunerija qed jigi sospiz ghal zmien erba' snin mil-lum. .

Il-Qorti qed twissi lill-hatja bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk hija tikkommetti reat iehor matul il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

Il-Qorti wara li rat l-artikolu 28H tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tordna lil hatja thallas lir-rapprezentanti tas-Socjeta Systec Finance Ltd is-somma ta' wiehed u ghoxrin elf mitejn u tnax il-euro u sitta u tmenin centezmu (€21,212.86) fi zmien sitt (6) xhur mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------